

# SAN ĠORĠ PRECA U L-KARMELU



San Ġorġ Preca twieled u għex l-ewwel snin ta' ħajtu fi Triq il-Punent, il-Belt Valletta, fl-istess triq li fiha hemm il-Kunvent tal-Karmelitani u ftit metri bogħod mill-knisja tal-Madonna tal-Karmnu. Twieled fiż-żmien meta kienu qed isiru l-aħħar preparamenti għall-inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu. Ġrajja li kien iħobb jirrakonta kienet dik li ġrat meta kien għadu tfajjel. Kien is-16 ta' Lulju, l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, meta flimkien mas-seftura mar passiġġata viċin il-baħar. Hemm kien ser jegħreq wara li pprova jġib qasba minn ġol-baħar, imma ġie salvat minn barklor li kien ġej bid-dgħajsa tiegħu min naħa tal-Kalkara. Dak il-ħin missier Dun Ġorġ kien qiegħed fis-Santwarju tal-Karmnu jitlob quddiem il-kurċifiss, biex il-Mulej jieħu ħsieb il-familja tiegħu. U l-Mulej semgħu għax dak il-ħin stess ħeles lil ibnu mill-għarqa.

Fil-21 ta' Lulju 1918, Dun Ġorġ mar fil-Kunvent li l-Karmelitani għandhom fil-Misraħ ta' Santa Venera u talab biex isir Terzjarju Karmelitan. Kien Patri Ċirillu Ellul O.Carm. li għamillu l-vestizzjoni bħala Terzjarju. Fis-6 ta' Settembru tas-sena ta' wara iprofessa fil-Karmelu bħala Terzjarju f'idejn Patri Franco Ellul O.Carm. L-isem ta' Dun Ġorġ bħala Terzjarju kien dak ta' Patri Franku. Nafu li l-kitba ta' San Ġorġ Preca hi abbundanti. Xi drabi l-kitba tiegħu kien jiffirmaha b'dan l-isem tiegħu bħala Terzjarju Karmelitan. Fil-fatt fost il-kitba tiegħu nsibu Is-*Salm ta' Patri Franku*, li kitbu fl-1942; L-*Omelija ta' Patri Franku*, li jiġbor fih madwar mitt silta' mill-Vanġelu; u Il-*Pulptu ta' Patri Franku*, katekiżmu għall-użu privat tas-Soċjetà mwaqqfa minnu. Mhux l-ewwel darba li Dun Ġorġ irrefera għalih innifsu bħala Reliġjuż Karmelitan. Huwa ħeġġeġ ukoll ħafna oħrajn biex bħalu jsiru Terzjarji Karmelitani jew jinkitbu fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu.

Minn dakinhar li San Ġorġ Preca libes fuqu l-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, ma neħħieh qatt. Hu kien jemmen li l-Labtu hu sinjal li aħna parti



mill-Familja tal-Madonna. Kien isostni li dan il-Labtu hu ta' għajnuna għalina għas-salvazzjoni tagħna. Xi drabi, wara li waħda mill-priedki tiegħu kien jikteb hu stess lin-nies fil-Labtu tal-Madonna. Il-Patrijiet li kellhom f'idejhom xi fergħa tat-Terz'Ordni xi drabi kienu jistednuh biex ikellem lit-Terzjarji tagħhom. It-tagħlim tiegħu dwar il-Labtu ġieli wasslu wkoll permezz tal-kitba. Eżempju ta' dan hi waħda mill-Karti Manwali li kien jikteb għall-membri tas-Soċjetà tiegħu.

Nistgħu ngħidu li anke lis-Soċjetà tal-MUSEUM dewwaqha xi ftti mill-Ispiritwalità Karmelitana. Kienet ix-xewqa tiegħu li kull membru tal-MUSEUM jilbes il-Labtu tal-Karmnu u li t-tfal wara li jirċievu l-Ewwel Tqarbina jagħmlu l-istess. Ried ukoll li kull sena, fil-Ħadd wara s-16 ta' Lulju, is-Soċji tal-MUSEUM jiltaqgħu flimkien biex jimmeditaw il-virtuiet tal-Madonna. Ried ukoll li l-Missier tal-Karmelitani, il-Profeta San Elija ikun il-Patrun tat-talb fil-MUSEUM.

L-Ordni Karmelitan aprezza lil Dun Ġorġ mhux biss issa li ġie dikjarat qaddis, imma f'ħajtu stess. Fil-fatt Dun Ġorġ kien ingħata l-affiljazzjoni ma' l-Ordni Karmelitan - b'aprezzament għall-ħeġġa tiegħu biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Għalkemm Dun Ġorġ ma kienux jagħmlu bih it-titli u l-unuri, madanakollu aprezza l-fatt li l-Ordni Karmelitan tah l-affiljazzjoni tiegħu.

Ir-rabta ta' San Ġorġ Preca mal-Karmelu baqgħet sa' l-aħħar ta' ħajtu, għax l-aħħar żmien ta' ħajtu għaddih fil-Parroċċa Karmelitana ta' Santa Venera u fl-aħħar siegħat ta' ħajtu kien assistiet mill-Kappillan ta' Santa Venera, Patri Kilian Azzopardi O.Carm.

Tkun ħaġa sabiħa li xi ħadd jidħol għal biċċa xogħol li jistudja ftit l-impatt tal-Karmelu fil-kitba u l-ispiritwalità personali ta' Dun Ġorġ. Nirringrazzjaw lil Alla li f'San Ġorġ Preca tagħna l-ewwel Malti dikjarat qaddis, l-Ewwel Terzjarju Karmelitan dikjarat qaddis u l-ewwel qaddis tal-Provinċja Karmelitana Maltija.

San Ġorġ Preca itlob għalina u għal-vokazzjonijiet ġodda fil-Karmelu u fis-Soċjetà tal-MUSEUM.